Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR CHARLOTTE CURMI) V. HAJ HABBO ADNAN BIN (KI. 104112A)

(SEWQAN TA' VETTURA BI TRASKURAĠNI, B'NUQQAS TA' KONT JEW B'MOD PERIKOLUŻ – KAP. 65 ART. 15(1)(A) – OFFIŻA GRAVISSIMA FUQ TERZ MINHABBA NUQQAS TA' HSIEB, TRASKURAĠNI JEW NUQQAS TA' THARIS TAR-REGOLAMENTI TAT-TRAFFIKU – KAP. 9, ART. 328(B) – HSARA LIL TERZ MINHABBA NUQQAS TA' HSIEB, TRASKURAĠNI JEW NUQQAS TA' THARIS TAR-REGOLAMENTI TAT-TRAFFIKU – KAP.9, ART. 328(D))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**12 ta' Jannar 2022**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Haj Habbo Adnan Bin, detentur tal-karta tal-identità numru 104112A imwieled is-Sirja fil-5 ta' Awwissu 1989 u residenti Paola ("l-imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversement presjeduta tat-13 ta' Novembru 2017,

wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tal-21 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha *inter alia* dik il-Qorti iddeċidiet li tannulla s-sentenza appellata u ordnat r-rinviju tal-atti lil din il-Qorti sabiex terġa tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid,

wara li rat id-digriet ta' din il-Qorti diversement presjeduta tat-22 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża u bagħtitha lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex tiġi assenjata skond il-liġi,

wara li rat li l-atti ta' din il-kawża ġew sussegwentement assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta,

wara li rat li fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2021 il-Prosekuzzjoni u d-Difiża qablu illi m'hemmx provi aktar x'jinġiebu u li l-kawża tista' tmur għat-trattazzjoni finali,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom tad-Difiża mill-Avukat Dr. Jason Grima,

wara li rat l-atti u d-dokumenti kollha,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli fit-8 ta' Mejju 2017 għall-ħabta ta' 16:30hrs fi Triq tal-Barrani, Żejtun, filwaqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DNS 555:

    1. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża;

    2. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

    3. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;

    4. B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew għarraq xi haġa u minħabba f'hekk Roger Spagnol bata offiża gravi fuq il-persuna tiegħu, liema offiża ġabet il-konsegwenzi imsemmija fl-artiklu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skont kif iċċertifika Dr. Chris Giordimania MD mill-MDH;

    5. B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ħabat ma' vettura nru RME100 u involontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' Roger Spagnol.

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija l-ħati jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta` żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

3. Permezz tas-sentenza tagħha tat-13 ta' Novembru 2017 din il-Qorti diversement presjeduta ddeċidiet kif ġej:

    ***"Saret it-trattazzjoni tal-partijiet.***
    ***Il-Qorti tikkundanna għal ewwel tlett imputazzjonijiet multa ta €1, 164.69, għar-raba' imputazzjoni tikkundannah għal multa ta' €2,329.39 u għal***

***ħames imputazzjoni tikkundannah għal €500."***

4. L-imputat appella minn din is-sentenza u l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) permezz tas-sentenza tagħha tal-21 ta' Novembru 2019 ddeċidiet kif ġej:

   ***"Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-doppio esame, qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi."***

5. Din il-Qorti diversement presjeduta appena rċeviet l-atti lura astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża stante illi kienet diġa ppronunzjat ruħha fuqha u din il-kawża imbagħad ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

6. Mill-atti jidher illi quddiem l-Ewwel Qorti kienet inżammet seduta waħda (ċioe dik tat-13 ta' Novembru 2017) li matulha xehdu għall-Prosekuzzjoni, PS 1298, Lauren Victoria Pulis u l-*parte civile* Roger Spagnol, filwaqt li xehed ukoll l-imputat. Din il-Qorti ma' kellhiex il-benefiċċju li tisma' lil dawn ix-xhieda u ma' jidhirx illi t-testimonjanza ta' din ix-xhieda ġiet traskritta, jew jekk ġiet traskritta, ma' tirriżultax mill-atti. Sfortunatament ġaladarba kemm il-Prosekuzzjoni u kemm id-Difiża għażlu li jistrieħu fuq il-provi ġia eżistenti fil-proċess il-Qorti ftit li xejn għandha provi x'tixtarr sabiex tasal għall-ġudizzju tagħha.

7. Filfatt l-unika provi li għandha fl-atti din il-Qorti huma s-segwenti:

   1. Affidavit tat-tabib Chris Giordimaina (fol 14),

   2. *Full Traffic Accident Report* (fol 15-22) u *sketch* (fol 23) li skond il-verbal a fol 26-27 ġew esebiti minn PS 1298 fix-xhieda tiegħu matul is-seduta tat-13 ta' Novembru 2017,

   3. Marka bl-aħmar fuq l-i*sketch* fuq imsemmi (fol 23) liema marka, skond il-verbal a fol 26-27, ġiet magħmula mill-imputat matul ix-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2017.

8. Skond l-affidavit tiegħu t-tabib **<u>Chris Giordimaina</u>** eżamina lill-vittma Roger Spagnol fit-8 ta' Mejju 2017 u sabu li kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi

fosthom numru ta' laċerazzjonijiet f'diversi partijiet minn ġismu, numru ta' *haematomas* u diversi ksur fil-kustilji u fl-iskapula.

9. Kif ġa ngħad iktar 'l fuq, għalkemm **PS 1298** tniżżel fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2017 bħala li xehed, ma' jidhirx li din ix-xhieda ġiet traskritta u lanqas ma' hemm xi notamenti fl-atti ta' dak li xehed. Jirriżulta biss mill-istess verbal illi dan ippreżenta r-rapport tal-okkorrenza li ġie esebit a fol 15-22 tal-proċess. F'dan ir-rapport hemm *inter alia* l-istqarrija tal-imputat u l-istqarrijiet tal-*parte civile* u ta' żewġ xhieda okulari ċioe Massimiliano Pisani u Lauren-Victoria Pulis. Fir-rigward tal-istqarrija tal-imputat il-Qorti ma' tistax tqisha bħala prova ammissibbli ġaladarba ma' jidhirx mill-atti illi dan ingħata għarfien tad-drittijiet legali tiegħu fosthom tad-dritt li jikkonsulta avukat tal-fiduċja tiegħu qabel u waqt l-istqarrija li kien ser jagħti lill-Pulizija. L-istqarrija tat-terz Massimiliano Pisani ma' ġietx ikkonfermata bil-ġurament quddiem il-Qorti u għalhekk din ukoll trid tiġi skartata. Fir-rigward tal-istqarrija tat-terz Lauren-Victoria Pulis, għalkemm din tniżżlet bħala li xehdet fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2017, madanakollu kif ġa ġie ritenut il-Qorti ma' għandha l-ebda ħjiel ta' x'setgħet qalet din ix-xhud inkluż jekk ikkonfermatx bil-ġurament tagħha l-istqarrija tagħha. Għalhekk, din l-istqarrija ukoll trid tiġi skartata mill-Qorti.

10. L-i*sketch* ippreżentat bil-ġurament minn **PS 1298** juri fost affarijiet oħra l-lok fejn seħħ l-inċident inkluż il-*point of impact*. Minnu nnifsu ma' jurix f'liema direzzjoni kien qed isuq l-imputat bil-vettura tiegħu u l-vittma bil-mutur tiegħu.

11. Skond il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2017, matul ix-xhieda tiegħu **l-imputat** ħażżeż bl-aħmar fuq l-i*sketch* sabiex jindika l-post fejn huwa waqaf fit-triq.

12. Il-Qorti tista' tassumi d-dinamika tal-inċident mhux l-anqas għaliex il-Maġistrat Sedenti inzerta li jgħaddi minn din it-triq kuljum u jaf eżattament l-perikli illi għal xi żmien kienu jiffaċċjaw is-sewwieqa ġejjin mid-direzzjoni ta' Birżebbuġa, fil-parti fejn seħħ l-inċident, sabiex jevitaw kolliżjoni ma' dawk li huma u sejrin fid-direzzjoni lejn Birżebbuġa jiddeċiedu li, sabiex jduru lura lejn stabbiliment magħruf, jaqbżu *double continuous white line,* jaqsmu lejn il-karreġġjata opposta u jagħmlu speċi ta' *u-turn* lejn sqaq biex b'hekk jiffrankaw triq itwal. Fil-kamp kriminali madanakollu m'hemm lok għall-ebda assunzjonijiet iżjed u iżjed meta l-provi li għandha l-Qorti quddiemha huma prattikament ineżistenti.

13. Għalhekk il-Qorti ma' tistax tagħmel mod ieħor ħlief li tqis illi l-Prosekuzzjoni ma' rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha.

**Deċiżjoni**

14. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u ħtija fuq nuqqas ta' provi.**

V.G. Axiak | Y. M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur